



Fl-1798
jaslu
l-Franċiżi
f'Malta

# Meta ż-Żwieten waqqfu lill-Franċiżi biswit il-Knisja

Kitba tal-Kan. Dun Joe Abela

Nhar it-12 ta' Ġunju, 1798, Napuljun Bonaparti ħa f'idejh il-Gżejjer Maltin, minn fejn keċċa l-Kavallieri ta' San Ġwann, li hu akkuża b'koperazzjoni ma' l-għedewwa ta' Franza. Żmien il-Franċiżi kien perjodu mqalleb ħafna fl-Istorja ta' Malta, peress li huma għamlu żball kbir li offendew is-sentimenti reliġjużi tal-poplu Malti, li ma damx wisq biex qam f'rewwixta mdemma kontra tagħhom fil-bidu ta' Settembru, wara li bilkemm kienu ilhom tliet xhur li ħadu lil Malta. Din ir-rewwixta bdiet fl-Imdina u r-Rabat, iżda malajr xterdet ma' Malta kollha. Tant kien kbir dan il-qawmien tal-Maltin, li f'temp ta' jumejn, waħedhom u bla ebda għajnuna barranija, huma rnexxielhom jagħlqu lill-Franċiżi wara s-swar tal-Belt Valletta, il-Furjana, il-Kottonera, Forti Manoel u Forti Tigne'. **Mill-kampanja kollha kien baqgħalhom biss f'idejhom it-Torri ta' San Tumas f'Wied il-Għajn.**

## Il-Maltin jirbħu t-Torri ta' San Tumas



Naturalment il-Franċiżi riedu li dan it-torri jibqa' f'idejhom, jekk mhux għal raġuni oħra, biex ma jħallux għajnuna barranija, dik Ingliża u Portugiża, tasal lill-Maltin mid-daħliet viċini ta' Wied il-Għajn u San Tumas. Iżda l-Maltin ukoll riedu dan it-torri f'idejhom, u għalhekk, wara li rnexxielhom jidħlu f'Bormla u jisirqu mill-polverista armi u munizzjon, malajr dawru l-attenzjoni tagħhom fuq it-torri ta' San Tumas, li jumejn wara li bdiet ir-rewwixta kien għadu f'idejn il-Franċiżi. Nhar il-5 ta' Settembru, numru ta' Żwieten, Żabbarin, Għaxqin u Gudjani, taħt it-tmexxija taż-Żejtuni **Mikiel Cachia u Filippu Castagna** tal-Gudja, urew qlubija kbira meta attakkaw dan it-torri. Waqt li xi Maltin bdew jisparaw minn wara l-ħitan tas-sejjieħ fuq is-suldati franċiżi fuq it-torri, oħrajn telgħu fuqu permezz ta' slielem. F'qasir żmien it-torri ntrebaħ mill-Maltin, li wkoll reġġgħu lura l-għajnuna Franċiża li ġiet mill-belt Valetta permezz tad-dgħajjes biex tiddefendi t-torri kontra l-Maltin. Hekk falla l-ewwel pjan tal-Franċiżi li jżommu f'idejhom dan it-torri strateġiku. Jien għadni ma nistax nifhem kif dawn il-qalbiena Maltin irnexxielhom jirbħu lis-suldati Franċiżi mħarrġa jiġġieldu taħt il-kbir ġeneral Napuljun Bonaparti!. U kif irnexxielhom jitilgħu mal-ħitan għoljin ta' dan it-torri!

**"Mill-kampanja kollha kien baqgħalhom biss f'idejhom it-Torri ta' San Tumas f'Wied il-Għajn."**



## It-tieni pjan Franċiż

**Kemm ma ngħidx li t-tieni rebħa tal-Maltin marbuta ma' dan it-torri, kienet akbar u aktar sorprendenti mill-ewwel waħda.** Wara li l-Franċiżi kienu ilhom diġa' xahar sħiħ magħluqa wara s-swar massiċċi, assedjati mill-Maltin, il-mexxejja tagħhom ippjanaw attakk qawwi fuq dan it-torri biex mill-ġdid jeħduh f'idejhom. Dan il-pjan ukoll fallielhom, meta l-Maltin, l-aktar iż-Żabbarin u ż-Żwieten, tawhom xebgħa oħra. Naraw x'ġara nhar **il-5 t'Ottubru,1798. Il-ġeneral Franċiż Vaubois** propjament ma tantx kellu xewqa li jesponi t-truppi Franċiżi fil-kampanja wara t-telfa li dawn kienu ġarrbu meta ippruvaw jersqu lejn l-Imdina immedjatament kif bidet ir-rewwixta, iżda kellu jċedi għall-pressjoni li saritlu minn sħabu biex jittantaw **joħorġu mis-swar tal-Kottonera u jieħdu t-torri ta' San Tumas f'idejhom**. Il-mira tagħhom kienet li l-ewwel jattakkaw Ħaż-Żabbar, viċin ħafna tal-Kottonera, li kien difiż bi tliet kanuni biss! **Imma kienu marru żmerċ!** Vaubois bagħat il-pjan ta' l-attakk lill-**Ġeneral Chanez**. Fil-lejl ta' bejn l-4 u l-5 ta' Ottubru, niżlu 400 suldat mill-frejgati Franċiżi li ħadu l-pożizzjoni fuq is-swar faċċata ta' Ħaż-Żabbar.

## Ħarġiet Franċiżi bi skop ta' tfixkil



Biex ifixkel lill-Maltin, Vaubois ordna 50 suldat Franċiż joħorġu minn Bieb il-Bombi **u jattakkaw il-kamp Malti tas-Samra**. Suldati oħra Franċiżi ħarġu minn Forti Tigne u Forti Manoel **u attakkaw il-kamp tal-Għorgħar**. Iżda l-attakk il-kbir u veru kellu jsir fuq Ħaż-Żabbar. L-attakk Franċiż fuq Tas-Samra ntemm malajr iżda dak fuq Tal-Għorgħar ħa aktar fit-tul, għax il-Maltin hemm kellhom biss kanun wieħed. It-taqtigħa damet sejra ħames sigħat, u ż-żewġ naħat kellhom isejħu għar-rinforzi. Il-Franċiżi laħqu waslu sal-"Ħarrub ta' Stiefnu", iżda **Ċensu Brared**, il-mexxej Karkariż, kien laħaq irċieva għajnuna ta' armi u munizzjon mingħand il-Portugiżi. Il-glieda bejn il-Maltin u l-Franċiżi żviluppat f'taqtigħa mdemma sider ma' sider, iżda fl-aħħar il-Franċiżi bdew jaqtgħu qalbhom u rtiraw lejn Torri Manoel u Torri Tigne', bil-Maltin jiġru warajhom u jisparaw fuqhom minn wara l-ħitan tas-sejjieħ. Tliet Maltin, ta' etajiet 60, 35 u 19-il sena, tilfu ħajjithom.

## Jibda l-attakk fuq Ħaż-Żabbar

Sadattant kienet bidet it-taqbida f'Ħaż-Żabbar. Vaubois kien ippjana li joħorġu **1,000 suldat Franċiż** li kellhom jieħdu dawn il-pożizzjonijiet: **il-parti l-kbira tas-suldati Franċiżi kellhom jattakkaw direttament lil Ħaż-Żabbar,** minn fejn jisirqu kulma jsibu, imma ma jmissux Żabbarin li ma kienux armati. **Numru ta' suldati kellhom jersqu lejn iż-Żejtun biex ma jħallux liż-Żwieten joħorġu mir-raħal tagħhom** u jmorru jgħinu liż-Żabbarin. Suldati oħra Franċiżi kellhom jokkupaw it-triq li minn Ħaż-Żabbar tagħti għal Wied il-Għajn. Il-kanuni Franċiżi minn fuq is-swar kellhom iwittu t-triq għal dan l-attakk Franċiż billi jisparaw fuq ir-raħal ta' Ħaż-Żabbar biex ixejnu l-qawwa tal-Maltin u fl-istess ħin ibaxxulhom il-moral. Is-suldati Franċiżi li ħarġu għal dan l-attakk kienu jikkonsistu fi 800 suldat minn dawk stazzjonati fil-Kottonera u 200 mill- 17me Demie' – Brigadeinanterie' legere', u kumpannija ta' Carabiniers kollha taħt il-kmand tal-**Maġġur Pouvereau**. Ħarġu jattakkaw mas-sebħ, iggwidati fl-isqaqien tal-kampanja minn ċertu Michaele Barcaiolo.

## Rebħa kbira Żabbarija

Iż-Żabbarin lemħu mill-bogħod l-għadu Franċiż riesaq inkiss inkiss lejn ir-raħal tagħhom. Viċin is-swar tal-Kottonera kien, kif għadu sal-lum, mhux mibni. Hekk ukoll parti kbira minn Ħaż-Żabbar, viċin il-knisja parrokkjali, kienet għadha tikkonsisti biss f'kampanja bi sqaqien li jagħtu lejn il-**Biċċieni**. Il-linja tad-difiża Maltija kienet testendi minn din il-parti tar-raħal qalb l-għelieqi, imsejħa "Tal-fata", lejn il-Kalkara sal-kunvent tal-Patrijiet Kapuċċini. Il-postijiet avanzati kienu fuq art għolja, iħarsu lejn il-mogħdija li tieħu għall-Bieb Salvatur.

"Numru ta' suldati kellhom jersqu lejn iż-Żejtun biex ma jħallux liż-Żwieten joħorġu mir-raħal tagħhom ... "

Kif il-Franċiżi bdew ħerġin, mill-ewwel intlemħu mis-suldati Maltin li, flok laqgħuhom barra r-raħal**, ħallewhom jidħlu f'Ħaż-Żabbar, bil-Maltin għassa għalihom minn fuq il-bjut.** Il-Franċiżi waslu sa Misraħ San Ġakbu, kif għadu jissejjaħ sal-lum, mingħajr ma raw lill-Maltin u l-kanuni moħbija fejn illum hemm l-istatwa tal-ġebel tal-Madonna, mhux 'il bogħod mit-terminus tal-karozzi tal-linja, fejn kien qegħdhom **Agostino Said**. Il-Franċiżi ħasbu li ż-Żabbarini kienu ħarbu, u allura bdew jippruvaw jidħlu fid-djar biex jisirqu l-ikel u l-annimali. F'daqqa waħda r-raħal kollu qam b'heġġa sfrenata. Xita ta' ġebel u sparer bidet nieżla fuq l-għadu Franċiż mill-bjut u t-twieqi tad-djar, u l-kanuni Maltin fetħu n-nar fuqhom. **Il-Franċiżi nqabdu f'xibka fit-toroq dojoq ta' Ħaż-Żabbar,** u min minnhom ma ġiex maqtul jew ferut, ra kif għamel biex jaħrab lura lejn il-kenn tas-swar tal-Kottonera.

## Esperjenza qarsa taż-Żwieten minn idejn il-Franċiżi

Sadattant kolonna oħra ta' suldati Franċiżi bidet tersaq lejn iż-Żejtun. Iż-Żwieten kellhom xogħfa dwar x'jafu jagħmlu s-suldati Franċiżi, għaliex meta dawn niżlu f'Marsaxlokk ftit xhur qabel, huma għaddew miż-Żejtun u **damu ġimgħa sħiħa jokkupaw il-knisja parrokkjali preżenti**. Fl-arkivju tal-knisja parrokkjali jinsabu diversi dokumenti, miktuba mill-prokuratur tal-knisja u prokuraturi oħra tal-fratellanzi u altari laterali, jilmentaw mill-ħsara li l-Franċiżi kienu għamlu lill-propjeta` tal-knisja, bħal ventaltari, li s'intendi l-Franċiżi kellhom bżonn għan-nar biex isajru fuqu. Wieħed jista' jimmaġina x'sar matul din il-ġimgħa mill-Franċiżi fil-knisja. Wieħed mill-prokuaturi jsejħilhom **maledetti,** u ieħor jgħid xi spejjeż kellu jagħmel biex inaddaf il-knisja, wara li l-Franċiż telqu biex imorru fil-fortifikazzjonijiet tal-Kottonera u l-Belt Valetta. Il-*lockers* tal-qassisin fis-sagristija prinċipali kollha fihom daqqiet tax-xwabel Franċiżi li bihom is-suldati ippruvaw jiskassaw ħalli jsibu x'jisirqu! **Is-suldati Franċiżi kienu serqu wkoll mid-djar taż-Żwieten.** Ċerta **Katarina Ciantar** kienet ftaħret qabel il-miġja tal-Franċiżi, li meta dawn jidħlu fiż-Żejtun, kien fi ħsiebha turihom id-djar tas-sinjuri biex jisirqu minnhom. Wieħed mill-vittmi Żwieten kien allura **Mikiel Schembri**, li nhar l-20 ta' Ġunju,1799, xehed kontra tagħha . Qal li ~iantar kienet ħadet lis-suldati Franċiżi għand waħda Marija, mlaqqma **Ta' Sgara.** Ciantar ċaħdet l-akkużi, iżda kien veru li s-suldati franċiżi serqu mhux ftit mid-djar taż-Żwieten. Ciantar qalet li hi kienet ħadet is-suldati Franċiżi għand wieħed tal-ħanut jismu Ludovico għaliex xi ħaġa bil-Franċiż dan kien jaf.

## Rebħa oħra Żejtunija

Il-kolonna ta' suldati Franċiżi li kellha tieħu ħsieb li ebda għajnuna ma tasal liż-Żabbarin min-naħa taż-Żejtun, flok ħadet il-pożizzjoni li suppost kellha tieħu fit-triq li miż-Żejtun kienet tagħti għal Ħaż-Żabbar, resqet wisq lejn iż-Żejtun, u ma damitx ma laħqet l-inħawi tal-**kappella ċkejkna ta' San Klement** fejn xi Żwieten bdew jisparaw fuq il-Franċiżi minn wara l-ħitan tas-sejjieħ. Wara ż-Żwieten, bħalma għamlu ż-Żabbarin, **bdew jirtiraw lejn iċ-ċentru tar-raħal**, għaliex dan kien il-pjan tagħhom, u ħadu posthom wara l-ħitan tal-ġebel fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali faċċata tat-triq dejqa llum imsejħa **Triq Santa Katarina,** fejn hemm il-kappella tal-Ispirtu s-Santu, li wkoll kienet difiża minn kanun, li fil-fatt illum qiegħed f'Misraħ Carlo Diacono. **Hekk iż-Żwieten qabdu f'xibka lill-Franċiżi li sabu ruħhom fi triq dejqa mingħajr ebda kenn,** filwaqt li ż-Żwieten kienu mistoħbija. Il-Franċiżi għall-ewwel waslu sal-post imsejjaħ "**Tas-Salib**", li għadu jidher imnaqqax fuq il-ħajt viċin id-daħla prinċipali ta' l-Iskola Primarja, li allura ma kienetx mibnija dak iż-żmien. Is-suldati Franċiżi bdew jibżgħu jidħlu fil-qalba



"Iż-Żwieten qabdu f'xibka lill-Franċiżi li sabu ruħhom fi triq dejqa mingħajr ebda kenn ..."



tar-raħal. Ma nafx kinetx diġa' waslitilhom l-aħbar dwar xi ġralhom sħabhom meta azzardaw jidħlu fil-qalba ta' Ħaż-Żabbar. L-uffiċjal Franċiż iżda ma beżax u beda jheġġiġhom jidħlu fir-raħal billi jgħajjat *courage, courage*. Il-kolonna Franċiża mxiet 'l quddiem sakemm waslu quddiem il-**kappella tal-Ispirtu s-Santu**. F'daqqa waħda ż-Żwieten fetħu n-nar fuqhom, u l-uffiċjal Franċiż intlaqat aktar minn darba, bil-kappell idur fuq rasu! Kif waqa' fl-art, is-suldati franċiżi waqfu u bdew jirtiraw. Iż-Żwieten, issa megħjunin mill-Għaxqin u l-Gudjani, ġrew warajhom u tawhom xebgħa oħra! Iżda raħħal, li d-dokumenti ma jgħidulniex ismu u lanqas minn fejn kien, għal xi raġuni ngħaqad mal-Franċiżi u beda jispara fuq il-Maltin, tant li laqat wieħed minnhom u feriegh fi spalltu. Dan il-ferut Malti kien jismu **Salvu** u kien imlaqqam "**Tal-Massusa**". Iżda t-traditur Malti wkoll ġie ferut u nqabad priġunier mill-Maltin, li malajr tellgħuh quddiem il-Kunsill tal-Gvern, li mill-ewwel ikkundannah għall-mewt. Ġie ffuċillat fil-misraħ ta' wara l-knisja parrokkjali taż-Żejtun. **Din kienet l-aħħar darba li l-Franċiżi ssugraw joħorġu għall-Maltin minn wara s-swar.**

**Torri San Tumas jibqa' f'idejn il-Maltin**

U x'sar minn torri San Tumas f'Wied il-Għajn, li l-Franċiżi tant xtaqu jirbħu mill-ġdid? M'hemmx għalfejn ngħidu li baqa' f'idejn il-qalbiena Maltin sakemm spiċċat il-gwerra kważi sentejn wara. Mhux talli l-Franċiżi ma ħadux f'idejhom dan it-torri qawwi u importanti, talli l-Maltin lanqas tawhom ċans jarawh mill-bogħod. **U hemm għadu t-torri sal-lum, monument xhud ta' żewġ rebħiet kbar li l-Maltin waħedhom, mingħajr għajnuna barranija, rnexxielhom jagħmlu fuq l-għadu Franċiż.**

U l-ftit bdiewa u sajjieda ta' Wied il-Għajn, grazzi għall-qlubija taż-Żabbarin u ż-Żwieten, gawdew il-paċi matul il-ħakma Franċiża. ■

"Iż-Żwieten, issa megħjunin mill-Għaxqin u l-Gudjani, ġrew warajhom u tawhom xebgħa oħra! "




Ghal kul xorta ta' xoghol fuq l-ANTIK, fuq il- **FIL, KISI, TIBJID,** u **ALTERAZJONIJIET** fil- bini
Bi prezzijiet ragonevoli

**CARMELO GRIMA**

**☎21694744 / 99827038**